# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 5 ta' Lulju, 2021

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 572/2021 ISB**

**Ixaris Systems (Malta) Ltd,** kumpannija registrata f'Malta bin-numru C 31142 u b'indirizz ta' The Penthouse – Suite 1, Entrance C, Capatial Business Centre, Triq ta' Zwejt, San Gwann SGN 3000

**vs**

**Porterpays Limited,** kumpannija registrata f'malta bin-numru C-93396, 7, Robert Mifsud Bonnici Street, Lija LJA1401 Malta

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Ixaris Systems (Malta) Ltd,** kumpannija registrata f'Malta bin-numru C-31142, pprezentat fil-15 ta' Gunju 2021;

Rat **<u>id-dokumenti</u>** li kienu prezentati mar-rikors, inkluz minn DOK J, affidavit ta' direttur u CEO tas-socjeta` rikorrenti.

Rat id-Digriet taghha tas-17 ta' Gunju 2021;

Rat ir-Rikors mressaq mill-Espert nominat Keith Cutajar fit-23 ta' Gunju 2021;

Rat id-Digriet taghha tat-30 ta' Gunju 2021 ghar-rikors appena hawn fuq msemmi;

Rat ir-Rikors mressaq b'urgenza mis-socjeta` Ixaris Systems (Malta) Ltd tal-1 ta' Lulju 2021, fejn wara l-premessi hemmek maghmula, talbet lil din il-Qorti joghgobha:

1. ***tirrevoka d-digriet taghha datat 30 ta' Gunju 2021 contrario imperio,***

2. ***tissospendi jew twaqqaf, jekk ghadu possibbli, n-notifika lill-intimata Porterpays, ordnat permezz tad-Digriet tal-Qorti tat-30 ta' Gunju 2021,***

3. ***f'kull kaz tordna l-espert nopminat permezz tad-Digriet tas-17 ta' Gunju 2021, is-Sur Keith Cutajar, ikompli jespleta l-inkarigu tieghu bit-tehid ta' deskrizzjoni dettaljata minn fejn tinstab, tad-data fi hdan is-source code repositories tal-intimata permezz ta' ghodda forensika, it-twettiq ta' estrazzjoni u d-depozitu ta' kopja ta' din l-estrazzjoni f'idejn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artiklu 6(1) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta,***

4. ***f'kull kaz tawtorizza lill-espert nomionat mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Gunju 2021, sabiex jespleta dan l-inkarigu minn kull post fejn tista' tinstab id-data fi hdan is-source code repositories tal-intimata, u jekk hemm bzonn anke mir-residenza tad-diretturi/azzjonisti tas-socjeta` intimata,***

5. ***tawtorizza lill-espert nominat mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Gunju 2021, sabiex bl-assistenza tal-marixxalli tal-Qortyi u tal-Pulizija Ezekuttiva jisgassa il-bibien tal-fondi fejn tista' tinstab***

***din id-data f'kaz li jiltaqa` ma xi xkiel fl-ezercizzju tal-inkarigu tieghu,***

6. ***tordna f'kaz biss illi ma tintlaqax l-ewwel u/jew it-tienbi u/jew it-tielet talba, ghaliex din tkun digta' saret jew ghaliex ma taqbilx illi jsir dan, ai termini tal-Artiklu 8(1) tal-KAP 488 tipprojbixxi fuq bazi provvizorja soggetti ghall-penali milli s-socjeta` intimata b'xi mod tmiss, thassar jew tidbel kwalunkwe data li hija soggetta ghal xi dritt ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti li tinsab fi hdan is-source code repositories tal-intimata Porterpays.***

**Regghet Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-socjeta` rikorrent ai termini tal-**Artiklu 6(1) tal-KAP 488** tal-Ligijiet ta' Malta, u issa, b'mod alternattiv, ai termini tal-**Artiklu 8(1)** tal-istess KAP.

Illi **l-Art. 6(1) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta** ighid espressament hekk:

> *Il-Qorti kompetenti tista', ukoll qabel ma jinbdew il-proċedimenti fuq il-merti tal-każ, wara li jsir rikors minn persuna li tkun ippreżentat provi li jkunu raġonevolment disponibbli biex isostnu l-pretensjoni tagħha li d-dritt ta' proprjetà intellettwali li jkollha, ikun ġie miksur jew ikun ser jiġi miksur, tordna li jittieħdu dawk il-miżuri provviżorji immedjati u effettivi skont ma jiġu kkunsidrati li jkunu adatti sabiex jiġu preservati provi rilevanti fir-rigward tal-ksur allegat, bla ħsara għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu deskrizzjoni dettaljata, bit-teħid jew mingħajr it-teħid ta' kampjuni jew il-qbid fiżiku tal-oġġetti involuti fil-ksur u, f'każijiet adatti, tal-materjal u tagħmir li jiġu użati fil-produzzjoni u, jew id-distribuzzjoni ta' dawn l-oġġetti u tad-dokumenti li jkollhom x'jaqsmu magħhom. Il-Qorti kompetenti tista' wkoll, jekk tqis li jkun hekk adatt, tordna li dawk il-miżuri għandhom jittieħdu mingħajr ma tkun instemgħet il-parti l-oħra, b'mod partikolari meta jkun hemm dewmien li x'aktarx jikkaġuna ħsara li ma tissewwiex lid-detenturi tad-dritt jew fejn il-Qorti tikkunsidra li jkun hemm riskju evidenti li l-provi jkunu qegħdin jiġu meqruda.*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjoni taghha dwar dan l-Artiklu kif maghmula fid-Digriet taghha tas-17 ta' Gunju 2021, u filwaqt illi zzomm ferm maghhom, taghmel accenn ulterjuri ghas-segwenti:

Illi din il-Qorti tista' tordna illi jittiehdu mizuri provvizorji **immedjati u effettivi skond ma jidhrilha xieraq u adatt** sabiex jkunu preservati provi rilevanti fir-rigward tal-ksur allegat;

Illi l-mizuri li talvolta l-Qorti tista' tordna jinkludi deskrizzjoni dettaljata **bit-tehid jew minghajr tehid ta' kampjuni** jew **bil-qbid fiziku tal-oggetti involuti fil-ksur u fejn opportun**, **tal-materjal u tghamir li jigi uzat fil-produzzjoni u jew distribuzzjoni ta' dawn l-oggetti u tad-dokumentazzjoni relattiva**;

Il-Qorti qed taghmel dan l-accenn u l-emfasi fl-isfond issa tar-rikors li qed jigi hawnekk degretat. Dan peress illi l-Qorti tikkunsidra l-poteri li ttiha l-ligi bhala pjuttost wiesa', izda dan ifisser illi akbar ma huma l-poteri, akbar huma l-konsiderazzjonijiet ta' kawtela u reqqa li bihom tali poteri ghandhom jigu ezercitati.

Filwaqt ghalhekk illi d-digriet taghha tat-30 ta' Gunju 2021 nghata f'dan l-isfond, dan ma jfissirx, una volta illi s-socjeta` rikorrenti qed taghmel it-talba odjerna, illi l-Qorti ser tkun qed timxi b'mod skorrett jew teccedi l-limiti tal-poteri lilha moghtija bil-ligi jekk tbiddel il-posizzjoni taghha. Ifisser biss illi fl-isfond tar-ragunijiet dettaljati u l-posizzjoni maghmula aktar cara b'dan ir-rikors a differenza ta' dak maghmul mill-espert u fl-isfond tat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, liema talbiet qed jigu dejjem inkwadrati fit-termini u l-parametri tal-ligi, din il-Qorti thoss illi ghandha tirrevedi l-posizzjoni taghha – b'dan pero` illi filwaqt illi tibqa' tinzamm il-kawtela, jigu rispettati id-drittijiet tal-intimata u fuq kollox tassikura illi kollox jsir entro l-parametri li tistabillixxi l-ligi.

Jigi puntwalizzat ghalhekk illi hekk kif kien fit-termini u l-parametri ta' dak li trid il-ligi id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Gunju 2021, ir-revizjoni ta' dak id-digriet kif hawn taht espress tibqa', konsidrat il-poteri wiesa' moghtija lill-Qorti sabiex jittiehdu "*mizuri provvizorji immedjati u effettivi skond ma jidhrilha xieraq*", entro l-parametri tal-ligi.

Jibqa' l-fatt kif gja qabel dikjarat, illi dan ma jfissirx illi din il-Qorti qeghda b'xi mod tesprima ruha fuq il-mertu jew il-pretensjonijiet illi talvolta tista' ghad trid tavvanza is-socjeta` rikorrenti fil-mertu.

**GHALHEKK**, fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun opportun, adatt, giust u ekwu illi:

1. **tilqa' l-ewwel talba u** tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha datat 30 ta' Gunju 2021.

2. **tilqa' t-tieni talba** u tissospendi jew twaqqaf, jekk ghadu possibbli, in-notifika lill-intimata Porterpays, ordnat permezz tad-Digriet tal-Qorti tat-30 ta' Gunju 2021, **b'rizerva ghal dak li ser jigi deciz aktar l-isfel.**

3. **tilqa' t-tielet talba** u tordna l-espert nominat permezz tad-Digriet tas-17 ta' Gunju 2021, is-Sur Keith Cutajar, ikompli jespleta l-inkarigu tieghu <u>**anke**</u> bit-tehid ta' deskrizzjoni dettaljata minn fejn tinstab, tad-*data* fi hdan is-*source code repositories* tal-intimata permezz ta' ghodda forensika, it-twettiq ta' estrazzjoni u d-depozitu ta' kopja ta' din l-estrazzjoni f'idejn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artiklu 6(1) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. **tilqa' r-raba talba** u tawtorizza lill-espert nominat mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-17 ta' Gunju 2021, sabiex jespleta dan l-inkarigu minn kull post fejn tista' tinstab id-*data* fi hdan is-*source code repositories* tal-intimata, <u>u jekk hemm bzonn anke mir-residenza tad-diretturi/azzjonisti tas-socjeta` intimata</u>, u dan, **b'rispett shih lejn il-privatezza personali u l-protezzjoni ta' *data* u informazzjoni personali tal-istess diretturi/azzjonisti**.

5. **tilqa' l-hames talba limitatament** ghall-assistenza tal-marixxalli tal-Qorti kif gja degretat fis-17 ta' Gunju 2021 **izda f'dan l-istadju tastjeni milli tilqa' l-istess talba fir-rigward** tal-assistenza tal-Pulizija Ezekuttiva, bir-rizerva illi jekk u fl-eventwalita' illi jkun necessarju kif certifikat mill-Marixxal li jmur jezegiwixxi din l-ordni, allura jkun awtorizzat l-isgass tal-bibien tal-fondi fejn tista' tinstab din id-*data*, u cioe`, fl-indirizzi ta' Brian Vella, Christian Joseph Agius u James Camilleri kif indikati fir-rikors hawnekk degretat jew kwalsiasi indirizz iehor li jista' jigi pprovdut minnhom minn fejn ikunu jistghu jigu ezegwiti l-ordnijiet moghtija fit-tielet u r-raba' paragrafi ta' dan id-digriet.

6. **tichad is-sitt talba** fid-dawl ta' dak hawn fuq degretat.

7. **tirrizerva** d-drittijiet kollha spettanti lis-socjeta` intimata skond il-ligi.

8. **tordna** lis-socjeta` intimata u lill-imsemmija Brian Vella, Christopher Joseph Agius u James Camilleri sabiex jottempraw ruhom u jassistu b'kull mezz lill-espert nominat u lill-marixxall tal-Qorti fl-esekuzzjoni ta' dawn l-ordnijiet hekk moghtija filwaqt illi ghandhom jigu notifikati b'kopja ta' dawn l-atti flimkien mal-esekuzzjoni ta' dawn l-ordnijiet.

**Bl-ispejjes** tal-odjerna procedura, inkluz dawk tal-espert nominat, ikunu provvizorjament a karigu tas-socjeta` rikorrenti, b'dan illi f'kaz u fl-eventwalita' illi titressaq procedura fil-mertu, ikun hemm decizjoni finali dwar dawn l-ispejjes ukoll.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**

Imhallef

**Marisa Bugeja**

Deputat Registratur